# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 26 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 9**

**Rikors numru 984/2017/2 JZM**

**Paul Bennett u b'digriet tal-25 ta' Marzu 2024**
**l-atti ġew trasfużi f'isem Peter Bennett**
**stante l-mewt ta' Paul Bennett fil-mori**

**v.**

**Marion Cachia**

Il-Qorti:

1. Permezz ta' din il-kawża, l-attur talab it-tħassir ta' donazzjoni ta' £38,000 (€42,796.09) li għamel lill-konvenuta. Sostna li ma tiswiex billi (i)

kien inkapaċi li jagħmilha u (ii) ma saritx bil-formalitá li trid il-liġi (b'att pubbliku).

2. Id-difiża prinċipali tal-konvenuta kienet li:

- Id-donazzjoni kienet għal servizzi resi; ma kinitx gratuwita u għalhekk mhux applikabbli Art. 1739 u 1740 tal-Kodiċi Ċivili li jirrikjedu att pubbliku (it-tieni eċċezzjoni).
- Il-valur tagħha kien żgħir u għalhekk mhux meħtieġ att pubbliku ex-Art. 1753(1) tal-istess Kodiċi (it-tielet eċċezzjoni).
- Mhux minnu li l-attur kien mentalment inkapaċi (ir-raba' eċċezzjoni).
- Għall-imgħax japplikaw Art. 1209(3)u (4) tal-istess Kodiċi (is-seba' eċċezzjoni).

3. B'sentenza tas-16 ta' Diċembru 2019, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet ir-raba' eċċezzjoni, ċaħdet l-eċċezzjonijiet l-oħrajn, ċaħdet l-ewwel talba (dikjarazzjoni dwar il-kapaċità mentali tal-attur) u laqgħet it-talbiet l-oħrajn. Dwar ir-raba' talba, akkordat l-imgħax legali b'effett mid-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat.

4. Il-konvenuta appellat mis-sentenza.

L-aggravji tagħha huma li:

(1) It-talba għat-tħassir tad-donazzjoni huma bbażati fuq in-nuqqas ta' kapaċità mentali u fuq in-nuqqas ta' formalità meħtieġa bil-liġi. L-Ewwel Qorti marret *extra petita* meta ddeċidiet li kienet donazzjoni revokabbli.

(2) Fi kwalunkwe każ, fil-fatt ma kinitx donazzjoni revokabbli.

***Extra petita***

5. Sewwa tgħid l-appellanti li fid-djalettika proċesswali ta' talbiet u eċċezzjonijiet imkien ma tqanqlet xi kwistjoni dwar l-irrevokabilita` *o meno* tad-donazzjoni. Għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex titratta minn jeddha dan il-punt li ma kienx jifforma parti mill-kontroversja bejn il-partijiet, u saħansitra laqgħet it-talbiet attriċi abbażi tiegħu.

6. Dan l-aggravju tal-appellanti huwa milqugħ.

7. L-attur, apparti li wieġeb għar-rikors tal-appell tal-attriċi, ippreżenta appell inċidentali bl-aggravji li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset li:

(1) l-għotja kienet tissodisfa l-element meħtieġ *ex*-Art. 1753(2) tal-Kodiċi Ċivili għall-eżenzjoni minn att pubbliku.

(2) l-attur kien mentalment kapaċi.

(3) l-imgħax jgħaddi mid-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat. Għandu jgħaddi mid-data tad-donazzjoni.

Ikkunsidrat:

**Ħtieġa ta' att pubbliku**

8. Skont Art. 1753(2)(a) tal-Kodiċi Ċivili....

> "1753 (2) Iżda, id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) ma jgħoddux –
>
> (a) għal rigali, li jingħataw minn id għal id, ta' flus jew ta' ħwejjeġ mobbli korporali oħra, jew ta' titoli għall-portatur, jekk is-somma jew il-valur tagħhom ikunżgħir, meta jitqiesu l-kondizzjoni tal-persuni uċirkostanzi oħra;"

9. Il-liġi timponi l-formalità tal-att pubbliku mhux b'kapriċċ imma biex telimina kull dubju u dissidji fuq in-natura ġuridika tal-ftehim li jkun sar, u żżomm milli jittieħed il-ġid ta' persuni vulnerabbli taħt l-iskuża li tawh b'donazzjoni.

10. Min-naħa l-oħra qajla jagħmel sens li wieħed jassoġġetta l-għoti ta' rigali żgħar għall-formalità (li tinvolvi ħela ta' ħin u l-ispejjeż) ta' att pubbliku. Ma jagħmilx sens li biex tagħti sempliċi *souvenier* lil ħabib tiegħek trid tmur għand in-Nutar.

11. Din id-dispożizzjoni tqajjem il-kweżit: x'ifisser il-leġislatur b'rigali li jingħataw minn id għal id, u xi tfisser somma ta' valur żgħir? Dan il-kweżit sarraf f'din il-kawża, bl-attur jgħid li l-valur mhuwiex żgħir u bil-konvenuta tgħid bil-maqlub.

12. Xi leġislaturi solvew il-problema billi jsemmu figura speċifika massima għal valur żgħir. Hekk Adrian Dingli nnifsu jsemmi li fid-Dritt Ruman setgħu isiru verbalment donazzjonijiet li ma jeċċedux il-500 sold. Altrimenti riedu jiġu *"insinuate nell'ufficio del censo o presso gli atti del Giudice. Erano esenti dall'insinua varie donazioni, come per cause pie, doti*". Planiol et Ripert isemmu li addottaw din is-sistema Spanja, il-Portugal, u l-Bolivja.

13. Malta m'addottatx din is-sistema, li għandha l-vantaġġ li hija ċara iżda l-iżvantaġġ li hija arbitrarja.

14. Biex wieħed jasal għal x'inhu "żgħir" tajjeb li bħala l-ewwel pass imur lura għat-test oriġinali tal-Ordinanza kif abbozzata minn Adrian

Dingli; bħala t-tieni pass imur lura fiż-żmien għal-leġislazzjonijiet li Dingli uża bħala fonti tal-Art. 1512 tal-Ordinanza; fl-aħħarnett imur lura għad-dritt anterjuri għal dawn il-fonti.

15. Il-kelma "żgħir" hija traduzzjoni mit-test oriġinali bit-test Taljan tal-kelma "*modico*"; fit-test Ingliż ġiet tradotta bħala "*moderate*". Il-kelma Maltija hija pjuttost ġenerika. It-test Ingliż huwa eqreb lejn it-test oriġinali. Il-kelma "*modico*" ġiet imfissra bħala "*poco, piccolo, che non da nel troppo, temperato; e dicesi specialmente del prezzo modico e talvolta moderato*".

16. Dingli jiċċita bħala l-fonti tiegħu Art. 931 tal-kodiċi ċivili Franċiż u oħrajn. Art. 931 kien (u għadu sal-lum) jaqra hekk:

> *"Tous actes portant donation entre vifs seront passes devant notaires, dans la forme ordinaire des contrats; et il en restera minute, sous peine de nullite."*

17. Ma hemm l-ebda riferenza għal donazzjonijiet żgħar li jgħaddu minn id għall-oħra.

18. Il-Planiol et Ripert jispjegaw li qabel l-Ordinanza (Franċiża) tal-1731 il-validità ta' donazzjonijiet manwali kienet dibattuta ħafna, u spiċċat biex tiġi aċċettata biss fil-każ ta' mobbli, li dak iż-żmien ġeneralment ma kinux jiswew. B'danakollu dan ma kienx japplika għal mobbli ta' valur

sinifikanti. L-ewwel artiklu tal-Ordinanza tal-1731 ma kienx ċar dwar id-donazzjonijiet manwali. Madanakollu, il-validità tagħhom kienet impliċitament aċċettata għaliex ir-regolament rilevanti kien jitkellem fuq "*tous actes portant donation*". Ir-rigal manwali jew kif jissejjaħ fi Franza "*de main chaude*" **jitwettaq bit-tradizzjoni** minn id għall-oħra **mhuwiex att li permezz tiegħu issir donazzjoni** u għalhekk huwa validu.

19. Din kienet l-interpretazzjoni ta' Daguesseau innifsu. L-art. 931 tal-kodiċi ċivili Franċiż – minkejja l-ftaħir li l-kodiċi ċivili kien frott tar-Rivoluzzjoni Franċiża - ma kien xejn għajr riproduzzjoni tal-ewwel artiklu tal-Ordinanza msemmija. Il-ġurisprudenza Franċiża mill-bidu nett wara l-promulgazzjoni tal-kodiċi ċivili appoġġjat il-validità tad-donazzjonijiet manwali.

20. L-eċċezzjoni tad-donazzjonijiet manwali ġiet kodifikata minn uħud mil-leġislazzjonijiet li segwew il-mudell Franċiż mingħajr ma kellhom l-istess *ancien droit* – fosthom Malta.

21. L-Art. 783 tal-kodiċi ċivili Taljan preżenti (tan-1942) jaqra hekk:

> *"La donazione di modico valore che ha per oggetto beni mobili e valida anche se manca l'atto pubbliċi, purche vi sia stata la tradizione.*
>
> *La modicita` deve essere valutata anche in rapporto alle condizioni economiche del donante."*

22. Ġie ritenut mid-dottrina u l-ġurisprudenza li:

> *"Il concetto di modicita' di valore si caratterizza in senso relattivo, dovendosi prendere in cosiderazione non solo il dato concernente l'obiettivo valore della cosa, ma anche il rapporto esistente tra esso e la consistenza del patrimonio del donante[1]. In definitiva, la don. va qualificata come di modico valore quando abbia una scarsa incidenza sulle condizioni economiche, del suo autore; sicche' mentre, tale puo' non doversi considerare la don. che, pur di entita' obiettivam. Contenuta, tuttavia sia effettuata da un soggetto di modesta condizione, al contrario rientra' nella figura in discorso la don. di valore apprezzabile, ma fatta da persona particolarm. agiata[2] (secondo cui la modiċita' della don. va accertata alla stregua di due criteri: quello oggettivo, correlato al valore del bene, e quello soggettivo, per il quale si tiene conto delle condizioni economiche del donante; ne segue che l'atto di liberalita', per essere considerato di m.valore, non deve mai incidere in modo apprezzabile sul patrimonio del donante.[3]"*

23. Interessanti li kemm fit-test tal-kodiċi Malti kif ukoll f'dak Taljan, il-kundizzjoni ekonomika tad-donant mhijiex l-uniku kriterju. Il-leġislatur Taljan juża l-kelma "*anche*" filwaqt li Dingli juża l-frażi "*ed altre circostanze*". X'inhuma ċ-ċirkostanzi l-oħrajn, il-leġislatur jibqa' sieket u għalhekk iħalli f'idejn il-ġudikant. Fil-fehma ta' din il-Qorti, dan jiftaħ it-tieqa biex wieħed ma joqgħodx esklussivament fuq l-element soġġettiv imma wkoll jistrieħ fuq kriterji oġġettivi. Fil-fatt hekk għamlu espressament il-qrati Taljani (kif jidher mis-sentenza suċċitati) kif ukoll (anke jekk impliċitament) dawn il-Qrati.

24. Il-piż tal-prova tal-valur żgħir huwa fuq id-donatarju.

---

[1] C:80/3672.
[2] Giannattasto, 26s; altresi Palazzo, 247s; in giur.C 01/7913
[3] Commentario breve al Codice Civile – G.Cian e A.Trabucchi – tredicesima edizione – p.802

25. Soġġettivament, **ir-rigal ma jridx jinċidi fuq b'mod rilevanti fuq il-patrimonju tad-donanti**. Dan hu l-kriterju l-iktar importanti, tant li huwa biss jissemma' speċifikament mil-leġislatur. Dan għaliex dak li hu "karawett" għal persuna ta' ċerta saħħa finanzjarja jista' jkun sinifikanti għal bniedem ta' ftit mezzi li kif jgħid il-Malti, jaqlagħha u jiekolha. Il-fundament tad-deroga mill-ħtieġa ta' att solenni hu proprju l-insinifikanza tad-donazzjoni, li allura ma tkunx teħtieġ xi riflessjoni partikolari minħabba xi ekwivoku. Tipikament, huma validi bħala donazzjonijiet manwali rigali li jsiru każwalment u konswetudinarjament f'ċerti determinati ġrajjiet u ċirkostanzi tal-ħajja, meta jkunu ta' somom tenwi skont il-kundizzjonijiet ekonomiċi tad-donanti.

26. Min-naħa l-oħra, l-kriterju oġġettiv ma jistax jitneħħa għal kollox. Għalkemm l-iktar importanti, il-kriterju soġġettiv mhuwiex l-uniku. Il-modiċità tad-donazzjoni mhix għal kollox relattiva. Hekk per eżempju, il-Qorti ta' Palermo ddeċidiet li donazzjoni ta' pittura "*di rilevante valore economico e artistico*" tinħtieġ il-forma solenni, irrispettivament mill-"*correlazione relativa all'effetto depauperante sul patrimonio del donante*"(28.08.2007).

27. Kif sewwa jingħad fis-sentenzi ċċitati minn Bonilini:

> *"Posto che la norma, non dettano un criterio rigido per l'accertamento del valore modico della donazione, postula che vengano valutati tanto il*

> *valore del bene, quanto le capacita' economiche del donante[4], dovra' essere considerata la sua reale situazione patrimoniale, in tutte le sue componenti[5], con la conseguenza che, in tanto la donazione sara' di modico valore, in quanto non incida sul suo patrimonio in modo rilevante[6] e che una donazione, anche di scarso valore, non potra' considerarsi modica quando il donante sia di modeste condizioni.[7]"*

28. Fil-ġurisprudenza tagħna, **soġġettivament** dawn l-għotjiet ma ġewx mitqiesa għotjiet ta' valur żgħir: għotja ta' deheb minn missier lil wieħed minn uliedu; għotja li kienet tirrappreżenta l-patrimonju kollu tad-donatriċi; barbazzal tad-deheb meta d-donant kulma kellu kienu Lm50.

29. **Oġġettivament,** ma ġietx meqjusa ta' valur żgħir għotja ta' Lm2,000 minkejja li **soġġettivament** setgħet titqies bħala waħda żgħira[8]; is-somma ta' Lm200 (is-sentenza ngħatat fil-1965).

30. L-iktar riflessjonijiet approfonditi dwar id-donazzjoni manwali nsibuha fis-sentenza **Pace v Caruana**:

> "Illi huwa fatt li l-konċett tad-donazzjoni manwali huwa oskur u vag; u hemm fost l-awturi min jaħseb li l-istess għandu jiġi determinat bi kwalunkwe mod, u ċjoe' mhux biss fir-rigward tal-manwalita' u modiċita', imma anki fir-relazzjoni tal-funzjoni ta' l-istess donazzjoni soċjalment kunsidrata. Dina l-Qorti taħseb li biex id-donazzjoni manwali li tkun eżenti mis-solennita' ta' l-att pubbliku stabbilit mil-liġi taht piena ta' nullita' għad-donazzjonijiet veri u proprji jkollha effikacja ġuridika, huwa meħtieġ (1) li l-oggett mogħti b'rigal ikun tenwi u proporzjonat għall-kondizzjonijiet ekonomiċi tad-donanti; (2) li r-rigal ikun akkompanjat mit-tradizzjoni ta' l-oggett donat, u b'mod li dana jgħaddi mmedjatament u rrevokabilment

[4] T. Palermo, 3.9.1999
[5] T.Roma, 18.5.1982
[6] C.Sez II, 12.6.2001, n.7913, C, Sez I, 30.12.1994, n. 11304; C, Sez II, 21.4.1989, n.1873; T. Rovigo, 7.12.2007
[7] T.S.Maria Capua Vetere, 20.3.1984
[8] Claire Galea v. Dr. Renald Blundell 20.02.2008 Appell Inferjuri.

f'idejn id-donatarju; u (3) li d-donanti jkollu effettivament l-volonta' li jiddona u li jisvesti ruhu mmedjatament u rrevokabilment mill-oggett li jkun irid jiddona. In-nuqqas ta' wieħed minn dawn l-elementi, fil-hsieb ta' dina l-Qorti, jinnewtralizza l- hsieb li l-oġġett donat għandu kunsidrat bhala don manwali. Mentri l-ahhar żewġ rekwiziti rispettivament jiffurmaw l-att materjali u ntenzjonali specifiku tad- donazzjoni, l-ewwel element juri xogħol tal-mohh bazat fuq fatti konkreti dwar ir-relazzjoni proporzjonali tal-kondizzjoni ekonomika tad-donanti u l-valur tal-oggett donat. Il-modiċita', jew eċċessivita', kwindi, tad- donazzjoni, sabiex jista' jingħad li hija fil-każ speċifiku tista' tirrivesti l-karattru ta' don manwali**, hija varjanti skont il-valur tal-oggett u l-fortuna tad-donanti.** Huwa għalhekk li dik ir-relazzjoni trid tigi studjata u ezaminata. M'hemmx bżonn jingħad li ċerti **donazzjonijiet li jsiru każwalment u konswetudinarjament** f'certi determinati rikorrenzi u ċirkustanzi tal-ħajja, **meta jkunu ta' somom tenwi skond il-kondizzjonijiet ekonomici tad-donanti**, ma jistgħux hlief jirrivestu l-karattru ta' don manwali. Hekk jingħad għar-rigali żgħar u ta' ftit flus fl-okkażjoni ta' l-istrina jew xi onomastiku jew okkażjonijiet ta' żwieġ; **imma dak li joħroġ barra miċ-ċirkustanzi ordinarji tal-ħajja ma jistax dwarhom jingħad l-istess ħaġa *prima facie* u mill-ewwel b'ċertezza".**[9]

31. Oġġettivament, l-ammont ta' €42,796.09 bl-ebda mod ma jista' jitqies bħala somma żgħira. Soġġettivament, il-konvenuta ma ġabitx prova li l-attur għandu patrimonju tant kbir li kkumparata miegħu din is-somma hija waħda insinifikanti.

32. L-ewwel aggravju fl-appell inċidentali li l-Ewwel Qorti ma messhiex sabet li d-donazzjoni hija ta' valur żgħir huwa għalhekk wieħed li jimmerita li jiġi milqugħ.

---

[9] Carmela Pace v. Rosaria Caruana, Prim'Awla, Qorti Civili, 17 ta' Ottubru 1949, Kollez Vol XXXIII.ii.416.

**Kapaċità mentali:**

33. Din il-Qorti ma tarax li għandha tiddisturba d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti meta sabet li l-attur kellu l-kapaċità legali li jagħmel id-donazzjoni. Dik il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi kollha rilevanti u siltet il-konklużjonijiet tagħha. Wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx mal-konsiderazzjonijiet tagħha; iżda mhumiex inkongruwi jew illoġiċi. Ċertament mhumiex irraġonevoli b'mod li din il-Qorti ma tistax tasal għall-istess konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti.

34. Barra minn hekk, kif sewwa tirrileva l-appellanti, l-attur, mistoqsi dwar x'wasslu biex iwettaq id-donazzjoni, ma jirreferi bl-ebda mod għall-kundizzjoni mentali tiegħu. Mhux hekk biss imma. Xehed li ddeċieda li l-flus ma jagħtihomx lil ħuh, imma jagħtihom lill-konvenuta li huwa kien jikkunsidra ħabiba tal-qalb tiegħu, bħala rikonoxximent tal-appoġġ li tagħtu fil-mumenti ta' bżonn. Appoġġ li kien ikbar minn ta' ħuh. Xehed ukoll li għalkemm huwa kellu ħabiba oħra jisimha Karen Baker, iddeċieda li jgħin lill-konvenuta billi huwa tħassarha għaliex għaddiet minn ħafna problemi, inklużi problemi familjari. Karen kellha d-dar tagħha filwaqt li Marion ma kellha xejn (kienet tgħix f'appartament mikri). Bennett innifsu pprovda ġustifikazzjoni ċara u loġika għad-deċiżjoni tiegħu. Din id-depożizzjoni tiegħu tikkontradixxi dak li jallega fir-rikors ġuramentat tiegħu dwar il-kapaċità mentali tiegħu meta għamel id-donazzjoni.

35. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, it-tieni aggravju fl-appell inċidentali qiegħed jiġi miċħud.

**Imgħax**

36. L-attur isostni li ġaladarba d-donazzjoni ġiet iddikjarata nulla, il-partijiet jitpoġġew fl-*istatus quo ante* u għalhekk l-imgħax jiddekorri mid-data tad-donazzjoni.

37. Din il-Qorti ma taqbilx. Skont l-Art. 1141(1) l-imgħaxijiet jibdew jiddekorri minn dakinhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita fil-każ ta' obbligazzjonijiet kummerċjali jew fil-każ li l-liġi tagħmar li jgħaddu *ipso iure*. Il-każ preżenti ma jaqa' fl-ebda waħda minn dawn iż-żewġt ipoteżi. Skont l-Art. 1141(2) **f'kull każ ieħor** l-imgħax jiddekorri mis-sejħa għall-ħlas permezz ta' att ġudizzjarju, anke jekk fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-eżekuzzjoni tal-obbligazzjoni. Għalhekk f'dan il-każ l-imgħax jiddekorri mid-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat, għaliex dan kien l-ewwel darba li sar att ġudizzjarju kontra Marion Cachia.

38. It-tielet aggravu tal-appell inċidentali għalhekk huwa miċħud.

***Decide***

39. Għal dawn il-motivi l-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, anke jekk għal raġunijiet differenti kif fuq esposti. Spejjeż tal-Prim'istanza kif deċiżi mill-Ewwel Qorti. Spejjeż tal-appell prinċipali a kariku ta' Paul Bennett. Spejjeż tal-appell inċidentali nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
jb